Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 15/2015AE

**Carmen Abela (198043M)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

L-Erbgha, 25 ta' Mejju 2016.

Id-Direttur tas-Sigurta Socjali appella mid-decizjoni tal-Arbitru tat-2 ta' Marzu 2015 li hassret id-decizjoni tad-Direttur li Carmen Abela ma kinitx intitolata ghall-pensjoni tal-wens taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318). Id-Direttur isostni li kien irrizulta li l-appellata rceviet is-somma ta' €82,431.48 minn wirt, u dan il-kapital jeccedi l-iskala ta' €14,000 kontemplata mil-ligi (Artikolu 66).

L-aggravju tal-appellant hu li kien irrizulta li fis-7 ta' Novembru 2011, l-appellata u ohtha kienu bieghu fond fi Triq San Frangisk, l-Isla ghall-prezz ta' €151,409. Zied li l-appellata rceviet is-somma ta' €70,655.30. Jirrizulta li:

i. L-appellata qatt ma avzat lid-Dipartiment b'dak it-tibdil fil-qaghda finanzjarja taghha (Artikolu 97(b) tal-Kap. 318).
ii. L-appellata ma kellhiex iktar bzonn tal-pensjoni tal-eta, li hi pensjoni non kontributorja, minhabba titjib fil-qaghda finanzjarja taghha. L-appellata ghamlet id-donazzjoni minn jeddha u b'dan il-mod poggiet lilha nnifisha f'sitwazzjoni fejn giet eligibbli sabiex tibbenifika mill-pensjoni. Kienet hi li ghazlet li liberament tiddisponi minn somma kbira flus li kienet issolvilha hafna problemi ta' flus.

Fit-twegiba, l-appellata argumentat li hi ma ddisponitx mill-flus li kellha sabiex tkun tista' tircievi l-pensjoni tal-wens. Dan apparti li skond l-Artikolu 108(8) tal-Kap. 318, l-Arbitru inghata poter diskrezzjonali qawwi u wiesgha sabiex il-kazijiet li jigu decizi minnu jsiru skond il-principji tal-gustizzja u ekwita.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:-

1. Jirrizulta li l-appellata kienet, flimkien ma' ohtha Michelina Mizzi, legatarja tal-fond 9, Triq San Frangisk, l-Isla. Il-fond inbiegh b'att tas-7 ta' Novembru 2011 ghall-prezz ta' €151.409. L-Arbitru kkonkluda li l-appellata zammet ghaliha s-somma ta' €11,775, u l-bilanc ta' sehemha qasmitu bejn hutha.
2. Biex jigi determinat jekk persuna tikkwalifikax ghall-pensjoni tal-wens hu rilevanti wkoll l-Artikolu 3 tar-Raba' Taqsima tat-Tieni Skeda, li jipprovdi:-

*"Kull proprjeta jew dhul li ghandhom ikunu kalkolati ghall-finijiet ta' din it-Taqsima skont id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Taqsima ghandhom jinkludu kull proprjeta jew dhul li l-*

*persuna koncernata tkun direttament jew indirettament cahdet lilha nnifsha minnhom sabiex ikollha jedd ghal Pensjoni tal-Eta' jew Pensjoni ghall-Wens, skont il-kaz, jew biex ikollha jedd ghal rata aktar vantagguza;……".*

It-test Ingliz jaqra:-

*"Any such property or income that has to be taken into account for the purposes of this Part in accordance with the foregoing provisions of this Part shall include any property or income which the person concerned had directly or indirectly deprived himself of in order to become entitled to an Age Pension or a Carer's Pension, as the case may be, or to become so entitled at a more advantageous rate;….."*

3. Il-qorti rat is-sentenzi ta' din il-qorti fl-ismijiet[1]:

- A. Chetcuti vs Direttur tas-Sigurta Socjali, 19.5.2004;
- M. Borg vs Direttur tas-Sigurta Socjali, 23.2.2005;
- F. Caruana vs Direttur tas-Sigurta Socjali, 6.10.2010;

fejn il-qorti rragunat li m'hemmx htiega li l-beneficjarju jcahhad lilu nnifsu minn proprjeta jew dhul, bl-intenzjoni li jkollu jedd ghal beneficcju. Fl-ahhar sentenza l-qorti qalet:

*"Kif gja fl-imghoddi kellha okkazjoni din il-Qorti tirrileva f'xi sentenzi taghha, trattasi wkoll ta' kazijiet ta' donazzjoni, "mhux konsentit lil hadd illi taht skuza jew ohra jqieghed ruhu f'sitwazzjoni, **anke kieku stess mhux semplicement simulata**, ta' __**minorata solvibilita**__ apparenti biex minn fuq jippretendi b'jedd l-ezercizzju tad-drittijiet favur tieghu bis-semplici invokazzjoni tal-ligi li turi x'inhi l-istrada li kellha tiggwida lil min kellu jipprestalu l-beneficcju. Din certament mhix imgieba ta' bonus paterfamilias li hu kellu maggorment ihares u josserva gjaladarba f'dawn id-dati kazijiet hemm involut l-interess tal-komunita in generali u ta' dawk kollha fis-socjeta` li jgorru fuq spallejhom il-pizijiet tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali". Ara "Anthony Chetcuti et -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali", 19 ta' Mejju, 2004 u "Mary Borg -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali", 23 ta' Frar, 2005, fost ohrajn."*

L-ebda wahda minn dawk il-kawzi ma kienet dwar pensjoni tal-wens, ghalkemm fil-kawza **M.Borg vs Direttur tas-Sigurta Socjali** tista' tghid kien hemm disposizzjoni identika (proviso ta' Artikolu 1 tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda), ghal dik tal-kaz in ezami.

4. Mir-rikors tal-appell hu evidenti li l-appellant jibni l-argument tieghu fuq l-Artikolu 3 tar-Raba' Taqsima tat-Tieni Skeda. Pero' din il-qorti m'hijiex konvinta mill-interpretazzjoni li nghatat lill-kliem: "*… ghandhom jinkludu kull proprjeta jew dhul li l-persuna koncernata tkun direttament jew indirettament cahhdet lilha nnifisha minnhom sabiex ikollha jedd ghal….",* f'dan il-kaz ghall-pensjoni tal-wens, *"…. jew biex ikollha jedd ghal rata aktar vantagguza".* L-appellant isostni li:

*"L-appellata ghamlet din id-donazzjoni minn jeddha u permezz ta' hekk, poggiet lilha nnifisha f'sitwazzjoni fejn giet eligibbli biex tibbenifika minn fondi tal-poplu tal-pajjiz. Kienet hi li ghazlet liberament li tiddisponi minn din is-somma kbira li kienet ser issolvilha hafna problemi*

[1] L-appellant ghamel riferenza ghalihom fir-rikors tal-appell.

*ta' flus u dan minghajr ebda prova konkreta li l-appellata kienet giet daharha mal-hajt u ma setghetx taghmel mod iehor."*

Il-qorti tosserva:-

i. Mill-atti m'huwiex car jekk fiz-zmien meta l-appellata qasmet il-parti kbira tar-rikavat fost hutha, kinitx qeghda diga' tircievi l-pensjoni tal-wens.

ii. Fl-Artikolu 3 tar-Raba' Taqsima tat-Tieni Skeda, il-kliem "***sabiex ikollha jedd*** *ghal Pensjoni tal-Eta' jew Pensjoni ghall-Wens, skont il-kaz, jew biex ikollha jedd ghal rata aktar vantagguza"* u fit-test Ingliz "***in order to become*** *entitled to an Age Pension or a Carer's Pension, as the case may be, or to become so entitled at a more advantageous rate"*, jaghti lill-qorti x'tifhem li hemm bzonn li dak li jaghmel l-applikant jew il-beneficjarju ikun proprju biex isir intitolat ghall-pensjoni jew ghal rata aktar vantagguza ta' pensjoni. Dan ifisser li l-applikant jew beneficjarju jrid **intenzjonalment** icahhad lilu nnifsu minn proprjeta jew dhul. Ghal din il-qorti l-kliem fl-Artikolu 3 bl-enfazi li ghamlet il-qorti, ma jistax ifisser mod iehor.

iii. Fil-kaz in ezami m'hemmx prova li dak li ghamlet l-appellata kien *"sabiex ikollha jedd ghal ….. Pensjoni ghall-Wens,…. Jew biex ikollha jedd ghal rata aktar vantagguza"*. Anzi l-prova li hemm hi li dak li ghamlet l-appellata kien sabiex hutha kollha li ma kinux legatarji tad-dar, igawdu maghha u daqsha fir-rigward tas-sehem taghha tal-legat tan-nofs indiviz tad-dar numru 9, Triq San Frangisk, Isla.

**Konkluzjoni**:- L-Artikolu 3 tat-Tieni Taqsima tar-Raba' Skeda ma japplikax ghall-kaz in ezami.

5. Fir-rikors tal-appell issemma wkoll 'il fatt li l-appellata ma kinitx avzat lid-Dipartiment bil-bejgh (Artikolu 97(1)(b) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali). Meqjus dak li nghad hawn fuq, il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn kellha tgharraf lid-Dipartiment. F'kull kaz mill-atti ma jirrizultax li dik kienet ir-raguni ghalfejn l-appellant ha d-decizjoni li wasslet lill-appellata biex tappella quddiem l-Arbitru.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.